Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9244 — OMERS/Altice/SFR FTTH)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 20/11)

1. Fl-10 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OMERS Infrastructure European Holdings B.V. ("OMERS Infrastructure", in-Netherlands), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OMERS"),

— Altice France S.A. ("Altice", Franza), ikkontrollata minn Altice Europe N.V.,

— SFR FTTH (Franza), bħalissa kkontrollata minn Altice.

OMERS u Altice jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' SFR FTTH kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— OMERS Infrastructure: il-fergħa infrastrutturali ta' OMERS, l-amministratur tal-Pjan ta' Pensjoni Primarja tas-Sistema għall-Irtirar tal-Impjegati Muniċipali ta' Ontario, li jinvesti mad-dinja kolla fl-infrastruttura u l-assi ta' ekwità privata,

— Altice: il-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, kontenut, media, divertiment u reklamar,

— SFR FTTH: l-attività tan-network tal-fibra tal-operatur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kkontrollata esklużivament minn Altice, SFR S.A., f'ċerti żoni fi Franza, barra ż-żoni ta' densità għolja kif definiti mir-regolatur tal-komunikazzjoni elettronika Franċiża, l-*Autorité de régulation des communications électroniques et des postes*.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9244 — OMERS/Altice/SFR FTTH

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.